**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 26 t’ Ottubru, 2018**

**Talba Nru: 306/2018 PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Japanfusion Limited (C61450)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-disgha (9) ta’ Lulju, 2018 illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disa’ mija u disgha u disghin euro u sitta u tmenin centezmi (€999.86) in konnessjoni ma’ servizzi elettronici ta’ komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq akkont li jgib in-numru AC40409010 liema somma s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet debitament interpellata, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezenti rikors.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tat-18 t'Ottubru, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-18 t'Ottubru, 2018 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv illi, in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet fuq is-sorte jiddekorru min-notifika ta` l-avviz lill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' disa' mija u disgha u disghin euro u sitta u tmenin centezmi (€999.86) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq akkont li jgib in-numru AC40409010, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lis-socjeta` konvenuta kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**